MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 383/2003

**Richard Schranz**

**Vs**

**AF Property Development Limited**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta’ Frar 2003 fejn l-attur talbet sabiex is-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ Lm1,000 (elf lira Maltin) rapprezentanti valur ta’ xoghol li ma sarx.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Hlas ghal xogholijiet li saru mill-attur fil-fond numru 6 Santa Marija Apartments B, Triq in-Nafra Naxxar li nxtara minghand is-socjeta` konvenuta, u li skond il-ftehim li sar bejn il-partijiet kellhom isiru mis-socjeta` konvenuta ghas-spejjez taggha.

Ra r-risposta fejn inghad:-
Illi t-talba tal-attur ghandha tigi michuda a spejjes tal-attur stante li s-socjeta` konvenuta qatt ma accettat jew ghamlet xi ftehim mal-attur rigward ix-xoghol in kwistjoni.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi l-peru tal-pendenza hija cirkoskritta mid-dettani tal-kuntratt datat 11 ta’ Dicembru 2002 fl-atti tan-Nutar Robert John Muscat. Jirrifletti l-kontenut tal-konvenju datat 14 ta’ Mejju 2002. Ghalkemm gie provokat kemm il-darba ossia hames (5) darbiet, l-attur ma hass li l-pretenzjoni tieghu kollha tigi inkluza. Mhux hekk biss, izda ghazel li jiffirma l-kuntratt tal-komprovendita minghajr ma ghazel anzi l-istess direttur tas-socjeta’ konvenuta irrifjuta li jiffirma l-kuntratt fl-eventwalita' ta' tali kondizzjoni kif infless fl-affidavit tieghu huwa ghazel li jiffirma pero' li l-post ghogbu, meta riedu nefaq il-flus fih, ghamel diversi kambjamenti. Riedu a kwalunkwe kost!

Illi l-attur qed jiffamenta li ghazel li jiffirma l-kuntratt b’riseva li jfittex ghall-ispiza tal-kisi: Faccata Sunt Sevanela. Ir-relazzjoni bejn il-partijiet hija koperta notarili u bhala tali jaghti fuq indikat effett lilu u jesegwixxi l-partijiet hemm indikati in bona fede.

L-istess kuntratt ghandhu jigi interpretat fl-entita u logika tieghu u l-kliem hemm espressi ghadhom jinghataw id-definizzjoni solita u ordinarja taghhom. Piu di cosi, it-Tribunal ma jistax jikkoncedi. Dak li ma giex koncess mis-socjeta’ konvenuta, anzi saret opposizzjoni totali ab initio ghaliha ma jistax jigi koncess f'dan l-istadju. Il-kuntratt huwa autospiegatoria u ma jirrizultax li kien lok ta' addizjoni ulterjuri kif pretfiz odjernament.

Jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------